Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2014/401/PESK

tas-26 ta' Ġunju 2014

dwar iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea u li tħassar l-Azzjoni Konġunta 2001/555/PESK dwar it-twaqqif ta' Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea

(ĠU L 188, 27.6.2014, p. 73)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2112 tal-1 ta' Diċembru 2016	L 327	78	2.12.2016

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2014/401/PESK

tas-26 ta' Ġunju 2014

dwar iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea u li tħassar l-Azzjoni Konġunta 2001/555/PESK dwar it-twaqqif ta' Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea

Artikolu 1

Kontinwità u sede

1. Iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea stabbilit bl-Azzjoni Konġunta 2001/555/PESK (SATCEN) b'dan għandu jkompli u jiżviluppa l-missjoni tiegħu f'konformità ma' din id-Deċiżjoni.

2. Din id-Deċiżjoni ma għandhiex taffettwa d-drittijiet u l-obbligi eżistenti u r-regoli adottati fil-qafas tal-Azzjoni Konġunta 2001/555/PESK. B'mod partikolari, hija ma għandhiex taffettwa l-kuntratti tal-impjieg u d-drittijiet riżultanti minnhom.

3. Is-SATCEN għandu jkollu l-kwartieri ġenerali tiegħu f'Torrejón de Ardoz fi Spanja.

Artikolu 2

Missjoni u attivitajiet

1. Is-SATCEN għandu jappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-PESK u b'mod partikolari l-PSDK, inklużi l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea tal-immaniġġar ta' kriżijiet, billi jipprovdi, fuq it-talba tal-Kunsill jew tar-RGħ, prodotti u servizzi li jirriżultaw mill-użu ta' assi spazjali rilevanti u data kollaterali, inklużi immaġini satellitari u mill-ajru, u servizzi relatati, f'konformità mal-Artikolu 3.

2. Fil-qafas tal-missjoni tas-SATCEN, ir-RGħ għandha wkoll, fuq talba korrispondenti u jekk il-kapaċità tas-SATCEN tippermetti dan u mingħajr preġudizzju għall-kompiti ċentrali tiegħu stabbiliti fil-paragrafu 1, tagħti istruzzjonijiet lis-SATCEN sabiex jipprovdi prodotti u servizzi lil:

(i) Stat Membru, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), il-Kummissjoni jew aġenziji jew korpi tal-Unjoni li magħhom jikkoopera s-SATCEN f'konformità mal-Artikolu 18;

(ii) Stati terzi li qablu mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness dwar l-assoċjazzjoni mal-attivitajiet tas-SATCEN;

(iii) jekk it-talba tkun rilevanti fil-qasam tal-PESK, b'mod partikolari tal-PSDK, organizzazzjonijiet internazzjonali bħan-Nazzjonijiet Uniti, l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa u l-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO).

3. Is-SATCEN jista' wkoll, f'konformità mal-Artikolu 21 u mingħajr preġudizzju għall-kompiti ċentrali tiegħu stabbiliti fil-paragrafu 1, jikkoopera mal-Kummissjoni u ma' aġenziji, korpi tal-Unjoni jew Stati Membri, bil-ħsieb li jiġu massimizzati s-sinerġiji u l-komplementarjetà ma' attivitajiet oħra tal-Unjoni li jinfluwenzaw is-SATCEN u fejn l-attivitajiet tas-SATCEN huma rilevanti għal dawk l-attivitajiet tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tal-ispazju u s-sigurtà.

▼B

4. Sabiex tkun faċilitata l-organizzazzjoni tal-attivitajiet fi Brussell, is-SATCEN għandu jkollu uffiċċju ta' koordinament fi Brussell.

5. Konsegwentement għax-xoljiment tal-UEP, is-SATCEN għandu jwettaq il-kompiti amministrattivi stabbiliti fl-Artikolu 23. L-unità inkarigata mill-kontinwazzjoni ta' dawk il-kompiti amministrattivi residwi għandu jkollha l-bażi tagħha fi Brussell.

Artikolu 3

Sorveljanza politika u direzzjoni operattiva

1. Il-KPS għandu, taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill, jeżerċita superviżjoni politika fuq l-attivitajiet tas-SATCEN u jagħti gwida politika dwar il-prijoritajiet tas-SATCEN.

2. Il-KPS għandu, f'konformità mar-responsabbiltajiet tar-RGħ għall-PESK u, b'mod partikolari, għall-PSDK, jagħti direzzjoni operattiva lis-SATCEN, mingħajr ħsara lir-responsabbilitajiet tal-Bord u tad-Direttur tas-SATCEN, rispettivament, kif stipulati f'din id-Direttiva. B'mod partikolari, abbażi tal-gwida msemmija fil-paragrafu 1, u b'kont meħud tal-livell tar-riżorsi li jkun hemm disponibbli, ir-RGħ għandha tistabbilixxi l-prijorità bejn talbiet indirizzati lis-SATCEN f'konformità mal-linji ta' gwida dwar il-funzjonijiet li għandhom ikunu soġġetti għal reviżjoni regolari mill-Bord.

3. Fit-twettiq tal-impenji tar-RGħ kif stipulati f'dan l-Artikolu, ir-RGħ għandha tibgħat rapport meta approprjat u tal-inqas darba kull sitt xhur lill-Kunsill, anke dwar il-valutazzjoni mill-Bord tal-implimentazzjoni mis-SATCEN tal-gwida politika msemmija fil-paragrafu 1 u tad-direzzjoni operattiva msemmija fil-paragrafu 2.

Artikolu 4

Prodotti u servizzi tas-SATCEN

1. Il-prodotti u s-servizzi tas-SATCEN bħala tweġiba għat-talbiet magħmula f'konformità mal-Artikolu 2(1), 2(2)(ii) u 2(2)(iii) għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri, tas-SEAE, tal-Kummissjoni u tal-aġenziji jew korpi tal-Unjoni li magħhom is-SATCEN jikkoopera f'konformità mal-Artikolu 18, u lill-Parti rikjedenti, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' sigurtà applikabbli. Dawk il-prodotti u servizzi għandhom ikunu mqiegħda għad-dispożizzjoni ta' Stati terzi li jkunu qablu mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness u f'konformità mar-regoli dettaljati speċifikati f'dawk id-dispożizzjonijiet.

2. Fl-interess tat-trasparenza, ir-RGħ għandha tqiegħed it-talbiet kollha li jsiru f'konformità mal-Artikolu 2 għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri, tas-SEAE, tal-Kummissjoni u tal-aġenziji jew korpi tal-Unjoni li magħhom is-SATCEN jikkoopera f'konformità mal-Artikolu 18, u għad-dispożizzjoni ta' Stati terzi li jkunu qablu mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness f'konformità mar-regoli dettaljati speċifikati f'dawk id-dispożizzjonijiet.

3. Il-prodotti u s-servizzi tas-SATCEN li jirriżultaw minn talbiet magħmula skont l-Artikolu 2(2)(i) għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri, tas-SEAE, tal-Kummissjoni u tal-aġenziji jew korpi tal-Unjoni li magħhom is-SATCEN jikkoopera f'konformità mal-Artikolu 18, u/jew Stati terzi li qablu mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness, fuq deċiżjoni tal-Parti rikjedenti.

▼B

4. Il-KPS jista' jagħti istruzzjonijiet lir-RGħ biex tagħmel prodotti tas-SATCEN li jirriżultaw minn talbiet magħmula skont l-Artikolu 2(1) u 2(2) disponibbli għal kull Stat terz jew organizzazzjoni fuq bażi ta' każ b'każ.

Artikolu 5

Personalità ġuridika

Is-SATCEN għandu jkollu l-personalità ġuridika neċessarja sabiex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu u sabiex jilħaq l-għanijiet tiegħu. Huwa jista', partikolarment, jidħol f'kuntratti, jakkwista jew jiddisponi minn proprjetà mobbli jew immobbli u jkun parti fi proċedimenti legali. Is-SATCEN m'għandux ikollu l-iskop li jagħmel profitt. L-Istati Membri għandhom jieħdu passi sabiex jikkonċedu lis-SATCEN il-personalità ġuridika konċessa lil persuni ġuridiċi skont il-liġijiet tagħhom, skont il-ħtieġa.

Artikolu 6

Bord

1. Is-SATCEN għandu jkollu Bord li japprova l-programm ta' ħidma, annwali kif ukoll fit-tul, u l-baġit adatt. Il-Bord għandu jkun forum għad-diskussjoni ta' kwistjonijiet marbuta mal-funzjonament, il-persunal u t-tagħmir tas-SATCEN. Il-Bord għandu jevalwa, fuq bażi regolari, l-implimentazzjoni mis-SATCEN tal-gwida politika u d-direzzjoni operattiva msemmijin fl-Artikolu 3. Il-Bord għandu jadotta d-deċiżjonijiet rilevanti kollha relatati mal-adempiment tal-missjoni tas-SATCEN, inklużi proposti għall-attivitajiet taħt l-Artikoli 18, 19 u 20, sakemm dawn mhumiex riżervati, taħt din id-Deċiżjoni, għall-Kunsill jew għad-Direttur tas-SATCEN.

2. Il-Bord għandu jkun ippresedut mir-RGħ jew mir-rappreżentant tar-RGħ. Ir-RGħ għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar il-ħidma tal-Bord.

3. Il-Bord għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed maħtur minn kull Stat Membru u rappreżentant wieħed maħtur mill-Kummissjoni. Kull membru tal-Bord jista' jkun rappreżentat jew akkumpanjat minn persuna oħra. Ittri tal-ħatra, debitament awtorizzati mill-Istat Membru jew mill-Kummissjoni, skont il-każ, għandhom jintbagħtu lir-RGħ.

▼M1

4. Id-Direttur tas-SATCEN jew ir-rappreżentant tad-Direttur għandu, bħala regola, jattendi l-laqgħat tal-Bord. Il-President tal-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea, id-Direttur Ġenerali tal-Istat Maġġur tal-Unjoni Ewropea u l-Kmandant tal-Operazzjonijiet Ċivili tal-Unjoni Ewropea jistgħu wkoll jattendu għal-laqgħat tal-Bord. Rappreżentanti tal-istituzzjonijiet, korpi u entitajiet rilevanti tal-Unjoni kif ukoll rappreżentanti ta' Stati terzi, organizzazzjonijiet u entitajiet internazzjonali jistgħu wkoll jattendu għal-laqgħat tal-Bord biex jipprovdu informazzjoni b'rabta ma' punti speċifiċi fuq l-aġenda, fuq invit mill-Bord.

▼B

5. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'din id-Deċiżjoni, id-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom jittieħdu permezz ta' vot mir-rappreżentanti tal-Istati Membri b'maġġoranza kwalifikata, bil-voti li jkunu peżati f'konformità mal-Artikolu 16(4) u (5) tat-TUE. Il-Bord għandu jadotta r-regoli tal-proċedura tiegħu.

▼B

6. Il-Bord jista' jiddeċiedi li jwaqqaf gruppi ta' ħidma ad hoc jew kumitati permanenti bl-istess format bħall-Bord stess sabiex jittrattaw suġġetti speċifiċi jew kwistjonijiet li jaqgħu taħt ir-responsabbilitajiet ġenerali tiegħu u li jaġixxu taħt is-superviżjoni tiegħu. Id-deċiżjoni li twaqqaf tali grupp ta' ħidma jew kumitat għandha tistabbilixxi l-mandat, il-komposizzjoni u d-dewmien tiegħu.

7. Il-Bord għandu jissejjaħ mill-President tal-inqas darbtejn fis-sena u wkoll fuq it-talba ta', mill-anqas, terz tal-membri tiegħu.

Artikolu 7

Direttur

1. Il-Bord għandu jagħżel u jaħtar id-Direttur tas-SATCEN minn fost ċittadini tal-Istati Membri fuq rakkomandazzjoni minn *panel* konsultattiv. Id-Direttur għandu jinħatar għal perijodu ta' tliet snin, liema perijodu jista' jiġi estiż b'terminu wieħed ta' sentejn.

2. B'kont meħud tan-natura teknika u operattiva tal-missjoni tas-SATCEN, il-kandidati għall-pożizzjoni ta' Direttur għandhom ikunu persuni b'konoxxenza u esperjenza stabbiliti fuq it-tul ta' żmien fil-qasam ta' informazzjoni ġeospazjali u immaġini ġeospazjali jew fil-qasam ta' relazzjonijiet ta' politika estera u ta' politika ta' sigurtà. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw kandidaturi lill-Bord. Il-*panel* konsultattiv, magħmul mir-RGħ (jew mir-rappreżentant tagħha jew tiegħu) li għandha tippresiedi l-*panel*, minn tliet rappreżentanti tal-Istati Membri minn fost il-Presidenza Tripartitika u minn rappreżentant wieħed tas-SEAE, għandu jirrakkomanda mill-inqas tliet kandidati lill-Bord bil-għan li jintgħażel u jinħatar id-Direttur.

3. Id-Direttur għandu jkun ir-rappreżentant legali tas-SATCEN.

4. Id-Direttur għandu jkun responsabbli mir-reklutaġġ tal-persunal l-ieħor kollu tas-SATCEN.

5. Wara approvazzjoni mill-Bord, id-Direttur għandu jaħtar il-Viċi Direttur tas-SATCEN. Il-Viċi Direttur għandu jinħatar għal perijodu ta' tliet snin, bl-estensjoni possibbli b'terminu wieħed ta' tliet snin bl-approvazzjoni tal-Bord.

6. Id-Direttur għandu jiżgura l-eżekuzzjoni tal-missjoni tas-SATCEN kif stabbilita fl-Artikolu 2. Minbarra dan, id-Direttur għandu jżomm livell għoli ta' kompetenza u professjonaliżmu fis-SATCEN, kif ukoll jiżgura l-effiċjenza u l-effikaċja fit-twettiq tal-attivitajiet tas-SATCEN. Id-Direttur għandu jieħu dawk il-miżuri kollha li huma neċessarji sabiex jintlaħaq dak il-għan, inklużi t-taħriġ tal-persunal u l-ġestjoni ta' proġetti ta' riċerka u żvilupp bħala appoġġ tal-missjoni tas-SATCEN.

Id-Direttur għandu jkun responsabbli wkoll għall-kompiti assenjati lilu f'din id-Deċiżjoni:

(a) jipprepara l-ħidma tal-Bord, b'mod partikolari l-abbozz tal-programm ta' ħidma annwali tas-SATCEN;

(b) jieħu ħsieb l-amministrazzjoni ta' kuljum tas-SATCEN;

▼B

(c) jipprepara r-rendikont tad-dħul u l-ispejjeż taċ-ċentru u jimplimenta l-baġit tas-SATCEN;

(d) jieħu ħsieb aspetti ta' sigurta;

(e) jieħu ħsieb kull materja relatata mal-persunal;

(f) jinforma lill-KPS dwar il-programm ta' ħidma annwali;

(g) jistabbilixxi relazzjonijiet ta' ħidma u kooperazzjoni mal-Kummissjoni u l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 18;

(h) jistabbilixxi relazzjonijiet ta' ħidma u kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet tal-Istati Membri, f'konformità mal-Artikolu 19;

(i) jistabbilixxi relazzjonijiet ta' ħidma u kooperazzjoni ma' Stati terzi, organizzazzjonijiet jew entitajiet f'konformità mal-Artikolu 20;

(j) jinnegozja arranġamenti amministrattivi, f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 18 u 20.

7. Fil-limiti tal-programm ta' ħidma u tal-baġit tas-SATCEN, id-Direttur għandu jkollu l-poter li jikkonkludi kuntratti, li jirrekluta persunal approvat fil-baġit u li jidħol fi spejjeż li huma neċessarji għall-operazzjoni tas-SATCEN.

8. Id-Direttur għandu jipprepara rapport annwali dwar l-attivitajiet tas-SATCEN sal-31 ta' Marza tas-sena sussegwenti. Ir-rapport annwali għandu jintbagħat lill-Bord u, permezz tar-RGħ, lill-Kunsill, li għandu jgħaddi r-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni.

9. Id-Direttur għandu jkun responsabbli lejn il-Bord.

Artikolu 8

Persunal

1. Il-persunal tas-SATCEN, inkluż id-Direttur, għandu jikkonsisti minn persunal taħt kuntratt reklutat fuq il-bażi l-aktar wiesgħa possibbli minn fost iċ-ċittadini tal-Istati Membri u minn esperti ssekondati.

2. Il-persunal taħt kuntratt għandu jinħatar mid-Direttur fuq il-bażi tal-mertu u permezz ta' proċeduri kompetittivi ġusti u trasparenti.

3. Il-ħtieġa għall-issekondar tal-persunal mas-SATCEN għandha tiġi determinata mill-Bord f'konsultazzjoni mad-Direttur tas-SATCEN. Bi ftehim mad-Direttur, jistgħu jiġu ssekondati lis-SATCEN esperti minn Stati Membri u uffiċjali mis-SEAE, mill-istituzzjonijiet, aġenziji jew korpi tal-Unjoni għal perijodu miftiehem, jew għal postijiet fl-istruttura organizzattiva tas-SATCEN u/jew għal kompiti u proġetti speċifiċi.

4. Il-persunal taħt kuntratt jista' jiġi ssekondat għal perijodu limitat għal post barra s-SATCEN, skont ir-regolamenti tal-persunal tas-SATCEN.

▼B

5. Il-Bord għandu jfassal, fuq proposta mid-Direttur, regoli tal-persunal tas-SATCEN li għandhom jiġu adottati mill-Kunsill.

6. Id-dispożizzjonijiet relatati ma' esperti ssekondati għandhom jiġu adottati mill-Bord fuq proposta mid-Direttur.

Artikolu 9

Programm ta' ħidma

1. Sat-30 ta' Settembru ta' kull sena, id-Direttur għandu jistabbilixxi abbozz ta' programm ta' ħidma għas-sena ta' wara akkumpanjat minn abbozz ta' programm ta' ħidma għal perijodu fit-tul li jkun fih perspettivi indikattivi għal sentejn addizzjonali, u għandu jippreżentahom lill-Bord għall-approvazzjoni.

2. Sat-30 ta' Novembru ta' kull sena, il-Bord għandu japprova l-programm ta' ħidma annwali u l-programm għal perijodu fit-tul.

Artikolu 10

Baġit

1. Kull partita ta' dħul u ta' nfiq tas-SATCEN għandha tkun inkluża f'estimi li għandhom isiru għal kull sena finanzjarja, li għandha tikkorrispondi għas-sena kalendarja. Huma għandhom jintwerew fil-baġit tas-SATCEN li għandu jinkludi lista tal-persunal.

2. Id-dħul u l-infiq indikati fil-baġit tas-SATCEN għandhom ikunu f'bilanċ.

3. Id-dħul tas-SATCEN għandu jikkonsisti minn kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri, minbarra d-Danimarka, skont l-iskala tad-dħul gross domestiku, minn pagamenti li jsiru bħala ħlas għal servizzi mogħtija u minn dħul varju.

4. Il-prodotti u s-servizzi pprovduti skont l-Artikolu 2(2) u dawk li jikkonċernaw missjonijiet u operazzjonijiet tal-immaniġġar ta' kriżijiet ikunu soġġetti għal ħlasijiet ta' rkupru ta' spejjeż skont il-linji gwida stabbiliti fir-regoli finanzjarji tas-SATCEN, kif imsemmija fl-Artikolu 12, ħlief għall-Istati Membri u għas-SEAE.

5. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, l-irkupru ta' spejjeż ta' partijiet terzi jista' jiġi rinunzjat b'deċiżjoni mill-KPS.

6. Fil-qafas ta' arranġamenti li jistgħu jiġu awtorizzati skont l-Artikolu 18, 19 jew 20, is-SATCEN jista' jirċievi fil-baġit tiegħu, bħala dħul assenjat għal fini speċifiku, kontribuzzjonijiet finanzjarji minn:

(a) il-baġit ġenerali tal-Unjoni fuq bażi ta' każ b'każ, b'konformità sħiħa mar-regoli, il-proċeduri u l-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet applikabbli għalih;

(b) Stati Membri, Stati terzi jew partijiet terzi oħra.

7. Id-dħul assenjat jista' jintuża biss għall-fini speċifiku li għalih ikun assenjat.

▼B

Artikolu 11

Proċedura baġitarja

1. Sat-30 ta' Settembru ta' kull sena, id-Direttur għandu jippreżenta lill-Bord abbozz ta' baġit annwali għas-SATCEN li jkopri nfiq amministrattiv, infiq operattiv u dħul mistenni, inkluż dħul assenjat, għas-sena finanzjarja sussegwenti kif ukoll estimi indikattivi għal perijodu fit-tul ta' nfiq u dħul bil-ħsieb tal-abbozz tal-programm ta' ħidma għal perijodu fit-tul.

2. Sat-30 ta' Novembru ta' kull sena, il-Bord għandu japprova l-baġit annwali tas-SATCEN bl-unanimità tar-rappreżentanti tal-Istati Membri.

3. Fil-każ ta' ċirkostanzi inevitabbli, eċċezzjonali jew imprevisti, id-Direttur jista' jipproponi lill-Bord abbozz ta' baġit emendatorju. Il-Bord, bil-kunsiderazzjoni dovuta ta' kwalunkwe emerġenza, għandu japprova l-baġit emendatorju bl-unanimità tar-rappreżentanti tal-Istati Membri.

4. Il-kontroll fuq l-impenjar u fuq il-pagamenti tal-infiq kollu u r-reġistrazzjoni u l-kollezzjoni tad-dħul kollu għandhom isiru minn kontrollor finanzjarju indipendenti maħtur mill-Bord.

5. Sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, id-Direttur għandu jippreżenta lill-Kunsill u lill-Bord il-kontijiet dettaljati tad-dħul u tal-infiq kollha missena finanzjarja preċedenti u r-rapport dwar l-attivitajiet tas-SATCEN.

6. Il-Bord għandu jagħti r-rilaxx lid-Direttur fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tas-SATCEN.

Artikolu 12

Regoli finanzjarji

Il-Bord, bl-approvazzjoni tal-Kunsill, għandu jfassal, fuq proposta mid-Direttur, regoli finanzjarji dettaljati li jispeċifikaw, b'mod partikolari, il-proċedura li għandha tiġi segwita biex jiġi stabbilit, implimentat u kontrollat il-baġit tas-SATCEN.

Artikolu 13

Privileġġi u immunitajiet

1. Il-privileġġi u l-immunitajiet tad-Direttur u tal-persunal tas-SATCEN huma previsti fid-Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, tal-15 ta' Ottubru 2001 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet mogħtija lill-Istitut tal-Unjoni Ewropea għall-Istudji dwar is-Sigurtà u liċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea, u lill-korpi u l-persunal tagħhom. Sa meta tidħol fis-seħħ dik id-Deċiżjoni, l-Istat ospitanti jista' jagħti lid-Direttur u lill-persunal tas-SATCEN il-privileġġi u l-immunitajiet previsti fiha.

▼B

2. Il-privileġġi u l-immunitajiet tas-SATCEN huma dawk previsti fil-Protokoll (Nru 7) dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE u mat-TFUE.

Artikolu 14

Responsabbiltà legali

1. Ir-responsabbiltà kontrattwali tas-SATCEN għandha tkun regolata mill-liġi li tapplika għall-kuntratt konċernat.

2. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġurisdizzjoni f'konformità ma' kwalunkwe klawsola ta' arbitraġġ inkluża f'kuntratt konkluż mis-SATCEN.

3. Ir-responsabbiltà personali tal-persunal lejn is-SATCEN għandha tkun regolata mid-dispożizzjonijiet rilevanti li japplikaw għall-persunal tas-SATCEN.

Artikolu 15

Protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE

1. Is-SATCEN għandu japplika d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE ([1]).

2. Fir-relazzjonijiet tagħhom mas-SATCEN u fir-rigward tal-prodotti u servizzi tiegħu, l-Istati terzi li jkunu qablu mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness dwar l-assoċjazzjoni mal-attivitajiet tas-SATCEN, għandhom, fi Skambju ta' Ittri mas-SATCEN, jikkonfermaw li huma japplikaw l-prinċipji tas-sigurtà u l-istandards minimi stabbiliti mid-Deċiżjoni 2013/488/UE, kif ukoll dawk stabbiliti minn fornituri possibbli ta' data klassifikata.

Artikolu 16

Aċċess għal dokumenti

Fuq proposta mid-Direttur, il-Bord għandu jadotta regoli dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tas-SATCEN, b'kont meħud tal-prinċipji u l-limiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

Artikolu 17

Il-pożizzjoni tad-Danimarka

1. Il-membru Daniż tal-Bord għandu jieħu sehem fil-ħidma tal-Bord b'rispett sħiħ tal-Artikolu 5 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-TUE u mat-TFUE.

Id-Danimarka tista' tagħmel talbiet li ma jkollhomx implikazzjonijiet ta' difiża lir-RGħ skont l-Artikolu 2(2)(i) ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli ta' sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1).

([2]) Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

▼B

2. Il-prodotti u s-servizzi li jirriżultaw mill-missjoni tas-SATCEN taħt l-Artikolu 2 għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tad-Danimarka taħt l-istess kondizzjonijiet applikabbli għall-Istati Membri l-oħra, ħlief għal talbiet li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża taħt l-Artikolu 2(2) u għall-prodotti li jirriżultaw minn dan.

3. Id-Danimarka għandha d-dritt li tissekonda persunal mas-SATCEN skont l-Artikolu 8.

Artikolu 18

Kooperazzjoni f'attivitajiet oħrajn tal-Unjoni

1. Is-SATCEN jista' jistabbilixxi relazzjonijiet ta' ħidma u jikkoopera mal-aġenziji jew korpi tal-Kummissjoni u l-Unjoni bil-ħsieb li jiġu massimizzati s-sinerġiji u l-komplementarjetà ma' attivitajiet oħrajn tal-Unjoni li jinfluwenzaw il-missjoni tas-SATCEN u fejn l-attivitajiet tas-SATCEN huma rilevanti għal dawk l-attivitajiet tal-Unjoni, b'mod partikolati fil-qasam tal-ispazju u s-sigurtà.

2. Fil-qafas ta' tali kooperazzjoni u wara l-approvazzjoni mill-Bord, is-SATCEN jista', fost l-oħrajn, iżomm kuntatt, jaqsam għarfien espert u pariri, jikkontribwixxi għal programmi u proġetti rilevanti tal-Unjoni, jirċievi kontribuzzjonijiet minn programmi u proġetti rilevanti tal-Unjoni, u jagħmel disponibbli prodotti skont l-Artikolu 2(2)(i).

3. Biex iżid tali kooperazzjoni, is-SATCEN jista' jidħol f'arranġamenti amministrattivi mal-Kummissjoni, ma' aġenziji u korpi rilevanti tal-Unjoni jew ma' Stati Membri. Il-Bord għandu jiddeċiedi li jawtorizza lid-Direttur jinnegozja dawn l-arranġamenti amministrattivi u għandu jindirizza, f'dan ir-rigward, direttivi lid-Direttur. In-negozjati għandhom isiru b'konsultazzjoni mal-Bord. Kull tali arranġament għandu jiġi konkluż mis-SATCEN hekk kif jiġi approvat mill-Bord.

Artikolu 19

Kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet ta' Stati Membri

Fuq proposta mir-RGħ jew minn Stati Membru u wara l-approvazzjoni mill-Bord, is-SATCEN jista' joħloq relazzjonijiet ta' ħidma u jikkoopera ma' istituzzjonijiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-ispazju u s-sigurtà li jinfluwenzaw il-missjoni tas-SATCEN u fejn l-attivitajiet tas-SATCEN huma rilevanti għal dawk l-istituzzjonijiet.

Artikolu 20

Kooperazzjoni ma' Stati terzi, organizzazzjonijiet u entitajiet terzi

1. Għall-fini tat-twettiq tal-missjoni tiegħu, is-SATCEN jista' jistabbilixxi relazzjonijiet ta' ħidma u jikkoopera ma' Stati terzi, organizzazzjonijiet u entitajiet. Għal dan il-għan, jista' jidħol f'arranġamenti amministrattivi ma' awtoritajiet kompetenti ta' Stati terzi, organizzazzjonijiet u entitajiet.

2. Il-Bord għandu jiddeċiedi li jawtorizza lid-Direttur jinnegozja dawn l-arranġamenti amministrattivi u għandu jindirizza, f'dan ir-rigward, direttivi lid-Direttur. In-negozjati għandhom isiru b'konsultazzjoni mal-Bord. Kull tali arranġament għandu jiġi konkluż mis-SATCEN hekk kif jiġi approvat mill-Kunsill u għandu jiġi ffirmat mid-Direttur.

▼M1

2a. Is-SATCEN għandu jkun responsabbli, mal-approvazzjoni tal-Bord, għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni fil-qasam tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni safejn dawn jikkonċernaw l-attivitajiet tas-SATCEN.

▼B

3. Il-membri tan-NATO li mhumiex fl-UE u Stati oħra li huma kandidati għall-adeżjoni mal-Unjoni jkunu intitolati li jiġu involuti fl-attivitajiet tas-SATCEN, fuq bażi ta' każ b'każ, skont l-Artikolu 4 ta' din id-Deċiżjoni u d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 21

Protezzjoni ta' Data

Fuq proposta mid-Direttur, il-Bord għandu jadotta regoli implimentattivi dwar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

Artikolu 22

Ir-rappurtar

Sal-31 ta' Lulju 2019, ir-RGħ għandha tippreżenta rapport lill-Kunsill dwar il-funzjonament tas-SATCEN akkumpanjat, jekk meħtieġ, minn rakkomandazzjonijiet xierqa bil-ħsieb li jiġi żviluppat aktar.

Artikolu 23

Kompiti amministrattivi wara x-xoljiment tal-UEP

1. Konsegwentement għax-xoljiment tal-UEP, is-SATCEN għandu, f'isem il-Belġju, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall, u r-Renju Unit ('l-għaxar Stati Membri'), iwettaq il-kompiti amministrattivi residwi tal-UEP li ġejjin:

(a) l-amministrazzjoni tal-pensjonijiet tal-persunal preċedenti tal-UEP;

(b) l-amministrazzjoni tal-assigurazzjoni medika ta' persunal preċedenti irtirat tal-UEP;

(c) l-amministrazzjoni tal-Pjan Soċjali tal-UEP;

(d) l-amministrazzjoni ta' kwalunkwe disputa bejn is-SATCEN u kwalunkwe membru tal-persunal preċedenti tiegħu u l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Appell tal-UEP jew ta' qorti kompetenti;

(e) assistenza lill-għaxar Stati Membri b'rabta ma' kompiti amministrattivi residwi u kompiti amministrattivi oħrajn tal-UEP, fosthom il-likwidazzjoni tal-assi tal-UEP.

2. L-amministrazzjoni tal-pensjonijiet tal-persunal preċedenti tal-UEP għandha:

(a) sseħħ f'konformità mal-iskema pensjonistika tal-UEP, kif fis-seħħ fit-30 ta' Ġunju 2011, liema skema tista' tiġi emendata mill-Bord imsemmi fil-paragrafu 7, fil-qafas tal-Organizzazzjonjiet Koordinati;

([1]) Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' tali data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

▼B

(b) tkun immexxija minn awtorità speċjalizzata, organizzazzjoni jew istituzzjoni finanzjarja kif approvata mill-Bord imsemmi fil-paragrafu 7 fuq proposta mid-Direttur tas-SATCEN.

Kwalunkwe disputa marbuta ma' dawk il-pensjonijiet u li tinvolvi l-persunal preċedenti tal-UEP għandha tiġi riżolta f'konformità mal-paragrafu 5.

3. L-amministrazzjoni tal-assigurazzjoni medika tal-persunal preċedenti irtirat tal-UEP għandha ssir skont ir-regolamenti tal-persunal tal-UEP kif fis-seħħ fit-30 ta' Ġunju 2011 u kif sussegwentement emendati mill-Bord imsemmi fil-paragrafu 7.

4. L-amministrazzjoni tal-Pjan Soċjali tal-UEP għandha ssir f'konformità mal-Pjan Soċjali adottat mill-UEP fit-22 ta' Ottubru 2010. Għandha wkoll tkun f'konformità ma' kwalunkwe deċiżjoni vinkolanti sussegwenti mill-Bord ta' Appell kompetenti u ma' kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-UEP jew mill-Bord imsemmi fil-paragrafu 7, sabiex timplimenta dik id-deċiżjoni.

5. Kwalunkwe disputa marbuta mal-persunal preċedenti tal-UEP derivanti mill-implimentazzjoni tal-kompiti residwi tal-UEP għandha tkun soġġetta għall-proċedura ta' riżoluzzjoni ta' disputi tar-regolamenti tal-persunal tal-UEP kif fis-seħħ fit-30 ta' Ġunju 2011 u sussegwentement emendata mill-Bord imsemmi fil-paragrafu 7.

L-istatus tal-persunal preċedenti tal-UEP għandu jkun regolat mir-regolamenti tal-persunal tal-UEP kif fis-seħħ fit-30 ta' Ġunju 2011, kif emendat sussegwentement mill-Bord imsemmi f'paragrafu 7, u kwalunkwe deċiżjoni applikabbli oħra, inkluż il-Pjan Soċjali tal-UEP.

6. L-assistenza lill-għaxar Stati Membri għandha tinkludi l-amministrazzjoni tal-ġrajjiet kurrenti u ta' kull kwistjoni legali jew finanzjarja li tirriżulta mill-għeluq tal-UEP, li ssir taħt il-gwida mill-Bord imsemmi fil-paragrafu 7.

7. Kwalunkwe deċiżjoni fir-rigward tal-kompiti stabbiliti f'dan l-Artikolu, inklużi deċiżjonijiet mill-Bord imsemmijin f'dan l-Artikolu, għandha tiġi adottata b'mod unanimu mill-Bord magħmul minn rappreżentanti tal-għaxar Stati Membri. Il-Bord, f'din il-konfigurazzjoni, għandu jiddeċiedi dwar kif dan għandu jiġi presedut minn wieħed mill-membri tiegħu. Id-Direttur tas-SATCEN jew ir-rappreżentant tad-Direttur għandu, skont il-każ, jattendi l-laqgħat tal-Bord f'din il-konfigurazzjoni. Il-Bord għandu jitlaqqa' mill-President mill-inqas darba fis-sena u fuq talba ta' mill-inqas tlieta mill-membri tiegħu. Il-Bord jista' jitlaqqa' *ad hoc* fil-livell ta' esperti sabiex jittratta suġġetti jew kwistjonijiet speċifiċi. Id-deċiżjonijiet tal-Bord jistgħu jittieħdu permezz ta' proċedura bil-miktub.

▼B

8. Is-SATCEN għandu jirrekluta l-persunal meħtieġ biex iwettaq il-kompiti msemmija fil-paragrafu 1. Jekk xi wieħed mill-għaxar Stati Membri joffri li jissekonda persuna għal dak il-għan, dik il-persuna għandha tkun reklutata. Jekk dan ma jkunx il-każ, jew jekk l-issekondar ma jimlix il-postijiet kollha meħtieġa, għandu jiġi impjegat il-persunal meħtieġ. Ir-regolamenti tal-persunal tas-SATCEN għandhom ikunu applikabbli, soġġett għal dan l-Artikolu.

9. Il-partiti kollha tal-infiq li jirriżultaw minn, u d-dħul relatat ma', l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu parti minn baġit separat minn dak tas-SATCEN. Dak il-baġit għandu jitħejja għal kull sena finanzjarja, li għandha tikkorrispondi għas-sena kalendarja, u għandu jiġi adottat mill-Bord imsemmi fil-paragrafu 7, li jaġixxi fuq proposta mid-Direttur tas-SATCEN, sat-30 ta' Novembru ta' kull sena. Għandu jkun hemm bilanċ f'dak il-baġit bejn id-dħul u l-infiq. Dak il-baġit għandu jinkludi lista tal-persunal impjegat skont il-paragrafu 8. Id-dħul għandu jikkonsisti minn kontribuzzjonijiet mill-għaxar Stati Membri, determinat f'konformità mar-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet tagħhom lill-UEP kif fis-seħħ fit-30 Ġunju 2011, u ta' dħul varju.

Il-Bord kif imsemmi fil-paragrafu 7 għandu jadotta regoli finanzjarji dettaljati, separati minn dawk tas-SATCEN, li jispeċifikaw b'mod partikolari l-proċedura li għandha tiġi segwita biex jiġu stabbiliti u implimentati l-baġits imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

10. Fond inizjali ta' EUR 5,3 miljun iffinanzjat mill-għaxar Stati Membri għandu jikkostitwixxi garanzija oħra tad-disponibbiltà ta' riżorsi finanzjarji għall-implimentazzjoni tal-kompiti amministrattivi residwi tal-UEP imsemmija f'dan l-Artikolu, partikolarment fir-rigward tad-drittijiet pensjonistiċi.

Artikolu 24

Thassir

L-Azzjoni Konġunta 2001/555/PESK hija b'dan imħassra.

Artikolu 25

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

▼B

ANNESS

DIŻPOZIZZJONIJIET DWAR L-ASSOĊJAZZJONI TA' STATI TERZI MAL-ATTIVITAJIET TAS-SATCEN

Artikolu 1

Għan

Dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu l-ambitu u regoli dettaljati għall-involvimenti ta' Stati terzi fl-attivitajiet tas-SATCEN.

Artikolu 2

Skop

L-Istati terzi msemmija fl-Artikolu 20(3) ta' din id-Deċiżjoni jkunu intitolati li:

(a) jippreżentaw talbiet nazzjonali għal analiżi ta' immaġini li imbagħad jiġu implimentati minn SATCEN;

(b) jippreżentaw kandidati għal-issekondar ma' SATCEN bħala analisti tal-immaġini għal perijodu limitat;

(c) jkollhom aċċess għall-prodotti u s-servizzi tas-SATCEN skont l-Artikolu 5 ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Artikolu 3

Talbiet

1. Kwalunkwe talba sabiex ikunu implimentati minn SATCEN kompiti ta' analiżi ta' immaġini tista' tiġi ppreżentata minn Stati terzi lir-RGħ f'konformità mal-Artikolu 2(2)(ii) ta' din id-Deċiżjoni.

2. Jekk il-kapaċità tas-SATCEN tippermetti, ir-RGħ għandha tiddeċiedi lil SATCEN kif meħtieġ, f'konformità mal-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni.

3. L-Istati terzi għandhom jibgħatu flimkien ma' kull talba data kollaterali kif meħtieġ, u għandhom jirrimborżaw lil SATCEN skont l-Artikolu 10(4) ta' din id-Deċiżjoni u r-regoli dwar imposti meħtieġa sabiex jiġu rkuprati l-ispejjeż speċifikati fir-regoli finanzjarji tas-SATCEN. L-Istati terzi għandhom jindikaw jekk talbiet u/jew prodotti għandhomx jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' Stati terzi oħrajn u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali.

Artikolu 4

Issekondar ta' esperti

1. L-Istati terzi huma intitolati li jippreżentaw kandidati lis-SATCEN għall-issekondar bħala esperti għal perijodu limitat bil-għan li dawn jiffamiljarizzaw ruħhom mal-funzjonament tiegħu.

2. Il-kandidaturi għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni suġġett għad-disponibbiltà ta' pożizzjonijiet.

▼B

3. It-tul tal-issekondar għandu jkun ibbażat fuq proposta mid-Direttur tas-SATCEN u jiddipendi fuq il-kapaċitajiet disponibbli tas-SATCEN. Għandha tittieħed in konsiderazzjoni l-usa' rotazzjoni possibli fost kandidati minn Stati terzi interessati.

4. Il-kandidati għandhom ikunu esperti ta' esperjenza li jkollhom biżżejjed kwalifiki professjonali. L-esperti ssekondati għandhom normalment jieħdu sehem f'dawk l-attivitajiet operattivi taċ-ċentru li jużaw immaġini kummerċjali.

5. L-esperti minn Stati terzi għandhom jikkonformaw mad-Deċiżjoni 2013/488/UE u jassumu impenn ta' kunfidenzjalità mas-SATCEN.

6. L-Istati terzi għandhom iħallsu s-salarju tal-esperti ssekondati minnhom, l-ispejjeż kollha relatati bħal allowances, ħlasijiet soċjali, spejjeż ta' installazzjoni u vvjaġġar, kif ukoll spejjeż addizzjonali għall-baġit tas-SATCEN kif determinat fir-regoli dettaljati msemmija fil-paragrafu 8.

7. L-ispejjeż ta' missjonijiet li jkunu parti inerenti tal-attivitajiet tal-analista tal-immagini ssekondat minn Stati terzi fis-SATCEN għandhom jitħallsu mill-baġit tas-SATCEN.

8. Ir-regoli dettaljati għall-issekondar għandhom jitfasslu mid-Direttur tas-SATCEN.

Artikolu 5

Disponibbiltà tal-prodotti tas-SATCEN

1. Ir-RGħ għandha tinforma lill-Istati terzi meta l-prodotti mitluba skont l-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni jkunu disponibbli fis-SEAE.

2. It-talbiet u prodotti magħmula skond l-Artikolu 2(1) ta' din id-Deċiżjoni għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' Stati terzi meta r-RGħ jidhrilha li dan ikun rilevanti għad-djalogu, konsultazzjoni u koperazzjoni bejn dawk l-Istati u l-Unjoni dwar il-PSDK.

3. It-talbiet u prodotti tas-SATCEN magħmula skond l-Artikolu 2(2) ta' din id-Deċiżjoni għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' Stati terzi mad-deċiżjoni tal-Parti rikjedenti.

Artikolu 6

Kumitat Konsultattiv

1. Għandu jitwaqqaf Kumitat Konsultattiv, presedut mid-Direttur tas-SATCEN, jew mir-rappreżentant tiegħu jew tagħha, u magħmul minn rappreżentanti tal-membri tal-Bord u rappreżentanti tal-Istati terzi li aċċettaw id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness. Il-Kumitat Konsultattiv jista' jiltaqa' b'komposizzjonijiet differenti.

2. Il-Kumitat Konsultattiv għandu jindirizza materji ta' interess komuni li jaqgħu fl-ambitu tad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness.

3. Il-Kumitat Konsultattiv għandu jissejjaħ mill-President fuq l-inizjattiva tiegħu jew tagħha jew fuq it-talba ta' mill-inqas terz tal-membri tiegħu.

▼B

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ

1. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness għandhom isiru effettivi fir-rigward ta' kull Stat terz fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara li tkun saret notifikazzjoni lir-RGħ mill-awtorità kompetenti tal-Istat terz dwar l-aċċettazzjoni tat-termini stipulati f'dawn id-dispożizzjonijiet.

2. L-Istat terz għandu jinnotifika lir-RGħ bid-deċiżjoni tiegħu li ma jużax aktar dawn id-dispożizzjonijiet, għall-inqas xahar qabel dik id-deċiżjoni ssir effettiva.